bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Helga Debono)
vs
Raymond Borg, iben Joseph,
imwieled il-Mellieħa fis-7 ta'
awissu, 1955

Illum, 24 ta' ġunju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, bejn settembru, 1995 u april, 1999 u fix-xhur ta' wara, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ  globali ta' Lm1,251.91 liema ammont hu akatr minn ħames mitt liri maltin billi pprezenta cheque tal-Bank of Valletta numru 247 lil International Timber Ltd. għall-ammont ta' Lm645.81, cheque tal-Mid-Med Bank (illum HSBC) numru 9 lil FXB Furniture Limited għall-amont ta' Lm393.30 u cheque tal-Lombard Bank numru 15 lil Delia Woodworks għall-ammont ta' Lm220.80 għad=dannu tal-Bank of Valletta, tal-Mid-Med Bank u tal-Lombard Bank, kif ukoll International Timber Ltd., FXB Furniture Limited, Delia Woodworks u persuni oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tas-7 ta' settembru, 2000 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' ġunju, 2002 fejn ġie dikjarat li l-imputat ħallas dak kollu dovut.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat ħallas lis-soċjetajiet hawn fuq indikati permezz ta’ cheques li ma ġewx onorati.  Dan il-fatt ġara għaliex l-imputat kien fil-proċess li jbiddel minn bank għal ieħor u ma ħax il-prekawzjonijiet kollha biex dak li ġara ma jiġrix.  Il-vantaġġ li ħa l-imputat hu wieħed minimu, jekk nistgħu nitkellmu ta’ vantaġġ f’dawn iċ-ċirkostanżi.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta bla kondizzjoni.